Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 64

Data tal-laqgħa: 16 ta' Mejju 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku (MLB)
Stephen Gatt - Kunsillier (SG)
Andrè Grech – Kunsillier (AG)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, AM ippresjeda l-laqgħa.

## 64.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

64.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 64.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

64.2.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 62, Laqgħa Urġenti Nru. 63 u Laqgħa tal-Lokalità Nru. 6. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

64.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier ONDG, li kien issekondat mill-Kunsillier SG, il-minuti ġew approvati.

## 64.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

64.3.1 <u>Para 62.3.2 – GoTo *reserved parking bays*</u>
Is-SE infurmat li l-President tal-AKL qed jitlob lill-TM għal aktar informazzjoni. Il-President infurmana li sadanittant in-nies jistgħu jipparkjaw. Ġew mgħottija t-tabelli min-naħa tal-Kunsill.

64.3.2 <u>Para 62.3.4 - Taxi stand quddiem il-Corinthia</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, il-permess ta' parking (parti minnu riservat għall-Corinthia) maħruġ minn TM.

64.3.3 <u>Para 62.3.5 - *Reverse Vending Machines*</u>
Is-Sindku qal li kiteb lill-BCRS biex jinfurmhom li l-Kunsill jixtieq imexxi bl-installazzjoni tal-*vending machine* f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina, fejn semmielhom ukoll il-magni l-ġodda li introduċew ftit tal-ġimgħat ilu.

64.3.4.1 <u>Para 62.3.6 – *Speed tables*</u>
Is-SE infurmat li ta' quddiem il-Każin tal-Football ġiet approvata u se jiġi ordnat ix-xogħol meħtieġ, filwaqt ta' quddiem l-Għassa fi Triq Ġuże' Bonnici u l-*Bus Shelter* tal-Pjazza ġew rifjutati minn TM.

64.3.4.2 Dwar ta' quddiem l-Għassa, kien hemm qbil li nitolbu l-permess biex issir fiż-żewġ karreġġjati quddiem id-daħla fejn kien hemm il-*bus shelter* minflok f'karreġġjata waħda fil-kantuniera.

64.3.5 <u>Para 62.3.8 – Bankina fi Triq San Franġisk</u>
Is-SE infurmat li għadna qed nistennew il-kwotazzjonijiet.

64.3.6.1 <u>Para 62.3.9 – *Bollards* / Bankina fi Pjazza Bertu Fenech</u>
Dwar il-*bollards* faċċata tal-Każin tal-PN, is-SE infurmat li qed nistennew permess minn TM biex tiġi installata oħra.

64.3.6.2 Is-SE infurmat lit-talba biex tiċkien il-bankina u jsiru 2 *parking bays* quddiem Kola Store ma ġietx approvata minn TM. Is-Sindku talab lis-SE biex tagħmel kuntatt mal-*Community Police* biex tagħti aktar dettalji dwar proposta oħra li għandha fuq din iż-żona.

**F'dan il-ħin (4.20pm) daħal il-Kunsillier AG għal-laqgħa.**

64.3.7 <u>Para 62.3.10 - Ċirkulari Nru 4/2023 – Proġett ta' *School Grannies*</u>
Ġejna infurmati li dan il-proġett issa huwa miftuħ ukoll għal skejjel privati u tal-knisja. Se niċċekkjaw mal-iskola primarja ta' San Alwiġi jekk humiex interessati.

64.3.8 <u>Para 62.3.13 - *Traffic Island* fi Triq il-Kannizzata k/m Triq Birbal</u>
Is-SE infurmat TM approvaw il-proposta. Se jiġi ċċekkjat jekk ix-xogħol jistax isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

64.3.9 <u>Para 62.11 – Dawl dekorattiv quddiem il-kappelli fi Triq it-Tliet Knejjes</u>

Is-SE infurmat lit-*technician* qed jiċċekkja dwar il-possibiltà li jinbidel id-dawl eżistenti li hemm fl-art.

## 64.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

64.4.1.1 <u>Ċirkulari Nru SPI/SCI/03/2023 – Espressjoni ta' Interess: *The World Cleanup Campaign 2023*</u>

Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni biex jiġi kkrejat filmat biex inqajjmu kuxjenza fost ir-residenti biex inżommu r-raħal nadif. Dan il-filmat ser isir bil-lingwa Maltija u l-lingwa Ingliża. Dan il-filmat ser jiġi mxandar fuq il-paġna ta' Facebook bħala inizjattiva għall-*World Cleanup Campaign 2023*. Apparti minn hekk ser issir *Cleanup* fil-*playing field* u fiż-żona tal-pjazza, is-Sibt 16 ta' Settembru 2023.

64.4.1.2 Il-Kunsill unanimament approva l-applikazzjoni għal skema SPI/SCI/03/2023.

64.4.1.3 Kien hemm diskussjoni dwar in-nuqqas ta' indafa fil-lokalità.

64.4.2.1 <u>Ċirkulari Nru SPI/SCI/04/2023 – Skema Finanzjarja – Komunitajiet aktar siguri u organizzati</u>

Is-Sindku infurma li kellu laqgħa mas-Surġent fejn għaddietlu numru ta' suġġerimenti għal din l-iskema fosthom li jiġu installati numru ta' CCTV *cameras* f'numru ta' postijiet problematiċi fil-lokalità, Is-Sindku talab lis-SE biex tagħmel kuntatt mas-Surġent sabiex tkun tista' tiġi fformulata l-applikazzjoni għal din l-iskema.

64.4.2.2 Kien hemm diskussjoni fuq il-*one-way* ta' Triq Ġużè' Bonnici.

64.4.2.3 Is-Sindku qal li fil-laqgħa li kellu mas-Surġent semma wkoll il-problema ta' *overspeeding* u tal-*littering* partikolarment f'Wied Ħal Balzan. Il-*littering* qed jiġi ġġenerat minn xi impjegati ta' uffiċini fl-inħawi u jikkonsisti f'karti u kartun (tat-*take aways*) u flixken li qed jintremew fit-triq. Se tintbagħat ittra lill-uffiċċji tal-inħawi biex javżaw lill-impjegati biex ma jħammġux it-toroq.

64.4.3 <u>Toroq li se jsiru minn IM</u>

Is-Sindku ppropona li niktbu lill-IM biex jinfurmawna dwar jekk għandhomx indikazzjoni ta' meta se jsiru t-toroq indikati minnhom (Triq il-Kbira, Triq San Franġisk, Triq Idmejda u Triq Sisner). Il-Kunsill approva. Dwar Triq il-Kbira, hemm numru ta' *issues* li l-Kunsill jixtieq jindika qabel ma jibdew ix-xogħlijiet.

64.4.4 <u>Stedina mill-Mużew</u>

Is-Sindku infurma li l-Mużew qed jistieden lill-Kunsill għall-Quddiesa ta' Ringrazzjament fl-okkażjoni tal-100 sena mill-ftuħ tal-mużew f'Ħal Balzan, nhar il-Ħamis 25 ta' Mejju 2023 fis-6.30pm.

64.4.5 <u>*Social Impact Assessment Workshop*</u>

Is-Sindku infurma li dil-ġimgħa ħa sehem fis-*SIA Workshop* organizzat mir-Reġjun Tramuntana.

64.4.5 <u>Tħawwil ta' siġra kommemorattiva</u>

Ġiet innutata *email* mibgħuta mis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali dwar din l-inizjattiva li se ssir fix-xahar ta' Ottubru 2023. Il-Kunsill qabel lis-siġra titħawwel fir-*roundabout* ta' Triq l-Għerusija.

## 64.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

64.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 64.6 Rapporti

64.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 64.7 Vakanza ta' Skrivan (Skala 15 – *Back-to-back*)

64.7.1 Is-SE infurmat li l-kandidat li ġiet fit-tieni post, li kellha tibda fl-1 ta' Mejju 2023, wara li aċċettat il-kariga, fl-aħħar ħin irrifjutat. Is-SE infurmat li għamlet kuntatt mal-kandidat li ġie fit-tielet post, però irrifjuta wkoll. U għalhekk, fil-5 ta' Mejju 2023, inħarġet sejħa pubblika. Din is-sejħa ser tagħlaq fit-18 ta' Mejju 2023.

64.7.2 L-intervisti se jsiru nhar l-Erbgħa, 24 ta' Mejju 2023 u l-Bord tal-għażla ser ikun magħmul mis-Sindku, is-SE u l-Kunsilliera SG, AG u ONDG.

## 64.8 Skemi Finanzjarji

64.8.1 L-iSkemi Finanzjarji ġew diskussi f'*item* 64.4.

## 64.9 Festa 2023

64.9.1 Is-SE ressqet diversi talbiet mill-Każini tal-Baned relatati mal-festa tar-raħal.

64.9.2.1 <u>Każin tal-Banda San Gabriel</u>
Qed jitolbu permess biex jagħmlu toqob għall-arbli tan-nar tal-art fi Pjazza Annunzjata. Il-Kunsill iddiskuta u approva li jsiru t-toqob hekk kif indikat mill-Każin. Din l-approvazzjoni qed tingħata biex isiru t-toqob u ma jfissirx li l-Kunsill qed jagħti l-permess li jinħaraq in-nar tal-art minn hemm. Is-Sindku għamilha ċara li l-permess tan-nar jinħareġ mill-pulizija u mhux mill-Kunsill.

64.9.2.2 Talba għall-permessi tan-*No Parking* fi Pjazza Annunzjata:

1. Mill-Ħadd 2 ta' Lulju fil-5.00pm sat-Tnejn 3 ta' Lulju f'nofs il-lejl minħabba l-*fireworks display* – Approvata bil-kundizzjoni li l-permessi kollha relatati mal-ħruq tal-*fireworks display,* inkluż kopja tal-*insurance*, jiġu ppreżentati lill-Kunsill qabel ma jinħareġ il-permess.
2. It-Tlieta 4 ta' Lulju bejn it-8.00am u s-1.00am minħabba attività – Approvata.
3. Il-Ħamis 6 ta' Lulju bejn it-8.00am u s-1.00am minħabba l-kunċert – Approvata.

64.9.2.3 Talba biex tingħalaq Triq il-Kbira (minn fejn Skarpoli), it-Tlieta 4 ta' Lulju bejn is-7.00pm u d-9.00pm minħabba Festa Tfal u mill-Ħamis 6 ta' Lulju fil-5.00pm sas-1.00pm tat-Tnejn 10 ta' Lulju u d-9.00pm minħabba l-Festa. Dawn it-talbiet ġew approvati.

64.9.3 <u>Każin tal-Banda Filarmonika Marija Annunzjata</u>
Talba biex tingħalaq Triq il-Kbira (minn fejn Skarpoli), minn l-Erbgħa 5 ta' Lulju filgħodu sas-1.00pm tat-Tnejn 10 ta' Lulju u d-9.00pm minħabba l-Festa. Din it-talba ġiet approvata.

64.9.4 Bħal ma jsir kull sena, minn tliet ġimgħat qabel sa ġimgħa wara l-festa, ma jinħarġux permessi ta' makkinarju fit-toroq li jiġu armati għall-festa, mingħajr ma jkunu konsultati l-Każini. Kif ukoll, jiġi ppreżentat bukkett fjuri lill-Madonna.

64.9.5 Bħal ma' sar is-sena l-oħra, il-Kunsill ser jiffinanzja l-ispejjeż relatati mal-*fire engine* u l-*first aider* għall-ħruq tan-nar tal-art li jsir fil-Pjazza nhar lejlet il-festa.

## 64.10 *Traffic Management* fi Triq Birbal, Triq il-Ferrovija l-Qadima u l-madwar

64.10.1 Is-Sindku għamel referenza għall-arranġamenti temporanji tat-traffiku relatati max-xogħlijiet tal-Enemalta plc, li hemm preżentament, fejn Triq il-Ferroviji l-Qadima nbidlet fi triq *one-way*, (vetturi joħorġu lejn Vjal De Paule). Il-Kunsill irċieva kummenti pożittivi ħafna mir-residenti, b'diversi talbiet biex din it-triq tibqa' *one-way.* Ir-residenti innutaw titjib drastiku fit-*traffic flow*, peress lit-triq dejqa u t-traffiku issa seta' jgħaddi mingħajr konġestjoni.

64.10.2 Il-Kunsill iddiskuta u fuq proposta tal-Kunsillier AG, unanimament ġie approvat li nitolbu l-approvazzjoni ta' TM biex, wara li jitlestew dawn ix-xogħlijiet, it-triq issir *one-way* għal perjodu ta' prova ta' 3 xhur. Wara l-perjodu ta' prova, il-Kunsill ikun jista' jara r-rispons tan-nies li jkun irċieva, u eventwalment jiddeċiedi dwar il-possibbiltà jekk it-triq issirx *one-way* b'mod permanenti. Ġie nnutat li Triq Birbal ma tistax issir *one-way* peress li hija arterja prinċipali.

## 64.11 *Traffic Management* fi Pjazza Bertu Fenech

64.11.1 Resident, kif ukoll il-*Community Police* qed jitolbu li ssir xi tip ta' *traffic island*, peress li hemm periklu meta tkun tiela minn Triq il-Kbira biex iddur għal Triq it-Tliet Knejjes.

64.11.2 Ġie rrimarkat li preżentament diġà hemm però qed tiġi injorata. Se jiġi ċċekkjat jekk tistax issir b'żebgħa ħamra u bir-*reflectors,* sabiex tkun aktar viżibbli.

## 64.12 *Pest Extermination*

64.12.1 Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir laqgħa ma' kumpanija tal-*pest control* biex naraw x'tip ta' inizjattiva tista' ssir fuq il-problema tal-*hornets*. Il-Kunsill approva.

## 64.13 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

64.13.1 <u>Kwotazzjoni għat-tibdil ta' 2 *CCTV cameras* fil-playing field</u>
Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni biex jinbidlu 2 *CCTV cameras* fil-*playing field* għax bil-ħsara.

64.13.2.1 <u>*Building Europe with Local Councillors*</u>
Is-SE infurmat li l-Kunsill ingħaqad f'dan il-proġett bil-Kunsillier SG li ser ikun ir-rappreżentant elett. Il-Kunsill irringrazzja lill-Kunsillier SG talli offra l-ħin tiegħu għal dan il-proġett.

64.13.3 <u>Talba biex issir *yellow box* minflok *junction box*</u>
Resident li huwa l-unika wieħed li għandu garaxx fi Sqaq Nru. 3, Triq it-Tliet Knejjes qed jitlob li titneħħa l-*junction box* li hemm fil-bidu tal-isqaq u minflok issir kaxxa safra. B'dan il-mod ikun jista' jipparkja mingħajr ma jiġi mħarrek. Din it-talba ma ġietx approvata għax b'karozza pparkjata jiġi mblokkat l-aċċess tal-isqaq.

64.13.4 <u>Talba biex isiru *bollards* mal-ġnub tal-entratura tal-garaxxijiet</u>
Resident qed jitlob li jsiru *bollards* mal-ġnub tal-entratura tal-garaxxijiet fi Triq il-Kannizzata għax qed jipparkjaw il-karozzi b'tali mod li jostakolawlhom l-aċċess. Din it-talba ma ġietx approvata. Ser isir 1m dyl mal-ġnub tal-entratura , skond il-liġi. F'każ li l-karozzi jibqgħu jipparkjaw, ir-resident għandu jirrapporta lill-Pulizija jew lill-LESA.

64.13.5 <u>Benrikville</u>
Issemma l-istat ħażin ta' Triq l-Annunzjata k/m Triq Wiġi Ebejer wara x-xogħol ta' kostruzzjoni. Is-SE qalet li l-kuntrattur ġie nfurmat diversi drabi biex jirranġa t-triq. Kien hemm qbil li niktbulu bl-avukat, jekk jibqa' ma jirranġax it-triq.

64.13.6 <u>Talba biex issir bankina fi Triq il-Kbira k/m Triq Santu Rokku</u>
Qed issir talba biex issir bankina permanenti quddiem il-binja l-ġdida minħabba s-*safety* tar-residenti għal x'ħin jiġu biex joħorġu mid-dar. Il-Kunsill qabel li napplikaw ma' TM għall-permess biex titkompla l-bankina eżistenti.

## 64.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

64.14.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 05/23, li tinkludi l-ammont ta' €112.05c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' April 2023.

64.14.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier SG, li kien issekondat mill-Kunsillier AG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 64.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

64.15.1 Il-laqgħa ntemmet fil-6.20pm.

64.15.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 20 ta' Ġunju 2023 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 20 ta' Ġunju 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |